**ĦAL TARXIEN**

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2019

**<u>SEDUTA NUMRU 92/07</u>**
L-ERBGĦA 20 TA' FRAR 2019 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali f'73 Triq Santa Marija, Tarxien.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | *SKUŻAT* |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *SKUZAT* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | *SKUŻAT* |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

---

## AĠENDA

| | |
|---|---|
| 92.1 | Qari tal-ittri ta' apoloġiji; |
| 92.2 | Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti; |
| 92.3 | Komunikazzjoni mis-Sindku; |
| 92.4 | Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri; |
| 92.5 | Rapporti; |
| 92.6 | Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 77/2019; |
| 92.7 | Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Sotto Kumitati; |
| 92.8 | Mozzjonijiet; |
| 92.9 | Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss. |

---

**<u>TALBA</u>**
**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 92.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġijia

**i.** Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li l-Kunsillieri Ismael Dalii u Lawrence Bonavia kienu talbu sabiex ikunu skużati. Ittri ta' Apoloġija

**ii.** Il-Kunsill ħa nota u approva li l-Kunsillieri Ismael Dalii u Lawrence Bonavia ikunu skużati.

## 92.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Iffrmar tal-Minuti

**i.** Il-Minuti Nru. 90/2019 tal-15 ta' Jannar 2019 u Nru. 91/2019 tat-12 ta' Frar 2019 ittieħdu bħala moqrija peress li kienu ċċirkulati minn qabel. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

## 92.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

**i.** Is-Sindku spjega li kien għadu għaddej bl-istess problema mal-Perit Mintoff tant li kien għadu qed jikkunsidra li jwaqqaflu l-kuntratt u jqabbad Perit ieħor b'direct order. Saret diskussjoni mill-Kunsill u kien hemm qbil unanimu li jekk dan il-Perit ma jaħdimx sewwa il-Kunsill kellu jmexxi ma Perit ieħor. Perit Mintoff

**ii.** Rigward it-turf tal-ground 5 aside s-Sindku nforma lill-Kunsill li konna għadna l-istess hekk kif kien irrapurtat fl-aħħar laqgħat. Sadanittant il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u ddeċieda li nkelmu l-avukat. Turf tal-ground 5 aside

**iii.** Is-Sindku Paul Farrugia qal li reġa kellem lill-Ministru u li CEO dwar il-bidu tax-xogħol fuq it-toroq Żejtun u Sorijiet fejn dawn qalulu li fil-futur qarib kien ser jibda x-xogħol. Żied jgħid li bħalissa kienet qed issir triq Santa Marija filwaqt li kienu aċċettaw li jsiru ukoll toroq Paola, Tempji Neolitiċi u Marjanu Gerada. Toroq Zejtun u Sorijiet – Minn Infrsastructue Malta

**iv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-GREEN MT kienu reġgħu bdew iġibulna l-boroż griżi Ttqassim tal-boroż tal-iskart riċiklat

**v.** Rigward ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Seg. Eżek. reġgħet infurmat lill-Kunsill li għal darb'oħra d-DLG kien reġa bgħat reminder dwar dan. ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Seg. Eżek.

**v.i.** Il-Kunsill għal darb'oħra qabel li jibqgħu mad-deċiżjoni li jistennew direzzjoni mingħand l-Assoċ. Kunsilli Lokali.

**vi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna għaddejna l-Applikazzjoni tal-bus shelter għal Triq Palma u dan kien ġie ordnat mill-FACES. Bus Shelter Triq Palma - Applikazzjoni

**vii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-Bus Shelter ta' Triq Tarxien kien lesta l-applikazzjoni sabiex setgħa jmexxi. Il-Kunsill qabel li mmexxu bil-proċedura sabiex dan il-bus shelter isir ukoll. Bus Shelter – Triq Tarxien

**viii.** Rigward Blokka appartamenti ġodda fi Triq San Mikiel Fgura s-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għadu kollox l-istess hekk kif irrapurtat lilhom fil-laqgħa preċedenti. Blokka apaprtamenti ġodda fi Triq San Mikiel Fgura

**ix.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien sar coordinating meeting flimkien mal kuntrattur u mal-Perit fi Ġnien Kurunell Mass. Tender - Ameljorament ta' Ġnien Kurunell Mass

**x.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nbeda jitwaħħal il-Fencing f'Misraħ Buleben, fejn hemm partijiet fejn iċ-ċint huwa baxx. Fencing – Misraħ Buleben

**xi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien deher il-Qorti minħabba kumment fuq il-FACEBOOK nhar -il 15 ta' Mejju 2018. Waqt is-smiegħ tas-seduta l-avukat tal-akkużat talab jekk kienx biżżejjed li jitlob skuża fuq il-paġna tal-Kunsill fuq FACEBOOK. Din it-talba l-Magistrat ma aċċettahiex kompletament. Għalkemm approva li l-imputat jitlob skuża pubblika, xorta waħda ser ikompli bil-kawża u għal darb'oħra kien reġa ddifferixxa għax kien imsiefer. Kawża l-Qorti

**xii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna bgħatna lit-TM it-talba fejn konna qed nissuġġerixxu li Triq Dejma tigi kollha *one way* u min ikun irid jidħol lejn il-Bank HSBC jkun irid jinżel Kurunell Mas u jdur mar-roundabout u jidħol Triq Leonardu Abela u joħroġ għal Triq Żejtun u jkun jista jew idur għal Triq il-Kbira jew inkella jibqa sejjer dritt fi Triq Iż-Żejtun fl-area ta' Ġnien Kurunell Mas. Traffic Maangement – Area Ġnien Kurunell Mas

**xiii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien reġa kellem kemm lis-CEO kif ukoll lill-Ministru responsabbli minn Infrastructure Malta dwar l-applikazzjoni għal fondi tal-UIF għal triq il-Kbira. *UIF – Triq il-Kbira*

**xiv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-proġett biex issir Triq l-Isqajjaq li dwaru kien avviċinah l-Onor. Silvio Parnis mexjin tant li sar co-ordination meeting mal-kuntrattur mal-Entitajiet u periti. Żied jispjega s-Sindku li l-istimi għal paviment imwaħħal tlaħħaq għal €144,000. Qal li dan pero kien ser jitħallas kollu minn Infrastructure Malta. Ameljorament ta' pjazza f'Misrah Brittania

**xv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu waslu r-rapporti fuq l-inspections mill-MCCAA fuq il-playing fields l-oħra fir-raħal fejn indikawlna x'kien hemm bżonn isir. Żied jgħid is-Sindku li konna għadna nistennew mingħand id-DLG dwar l-approvazzjoni tad-Direct Order. Survey MCCAA

**xvi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien baqa ma kellux risposta mingħand il-kuntrattur tagħna dwar il-ġonna li ma kellhomx arloġġ tad-dawl installat u għaldaqstant kien qed jissuġġerixxi li jipprova jsib lill-ħaddieħor. Applikazzjonijeit arloġġ tad-dawl fil-ġonna

**xvi.i** Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u unanimament qabel li jsir kif propost.

**xvii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna rċevejna mingħand il-Kuntrattur Malta Textile li kien ser jwaqqaf is-servizz. Ġbir tat-tessuti

**xviii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li il-Perit Chris Mintoff Building & Design Consultants kien tefa' l-applikazzjoni tal-bust ta Renzo Gauci. Monument – Renzo Gauci

**xix.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħol fi Triq Betta, kien inbeda pero wara li l-Kuntrattur kien ta l-konkos ġew tal-WSC u qalulna li riedu li jinbidel il-main. Issa nbidlu kemm is-servizzi u l-main. Permessi toroq Betta, Sta Tereza, Sammat u Karmnu

**xix.i** Żied jispjega s-Sindku li Triq Sammat kienet inbdiet ukoll u kienu nqalgħu bankini u kienu ser jibdew jgħaddu s-servizzi.

**xx.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet ntbgħatet t-tweġiba tal-Kunsill l*is-Segretarju-Street Naming Committee* dwar l-email li kienet waslet fejn dan qal li l-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq kien ġie nfurmat rigward problema fl-isem tal-aħħar parti ta' Triq San Franġisk li tagħmel parti mal-konfini ta' Ħal Tarxien u dan peress li Triq San Franġisk skond huma kienet taqsam il-konfini mal-Fgura u b'dan l-isem hemm diġà msemmija triq oħra ġewwa Ħal Tarxien, u għaldastant il-Kumitat kien iħoss li l-aħħar parti ta' Triq San Franġisk kellu jinbidlilha isimha sabiex tiġi solvuta l-problema ta' l-isem tat-triq u b'hekk tkun tista' tiġi nnumerata wkoll. Triq San Franġisk

**xxi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li r-restawr fuq il-monument bis-salib tal-ġebel fi Triq Tempji Neolitiċi k/m Triq Santa Marija kien ser jinbeda. Monument bis-Salib tal-ġebel Triq Tempji Neolitiċi k/m Triq Santa Marija

**xxii.** Is-Sindku Paul Farrugia staqsa lill kunsillieri biex jekk jafu xi sqaqien li għandhom bżonn xi ameljorament jgħidulu ħalli nieħdu ħsiebhom. Sqaqien

**xxiii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fuq it-Tender tal-Gates li kienet għalqet u li għaliha kienu daħlu 4 offerti kienu mexjin u tmexxa l-proċess skond l-EPPS. L-ewwel wieħed kien irtira u konna morna għat-tieni wieħed. U kellimnih u kellu jġibilna bank guarantee u jiġi jiffirma l-kuntratt. Tender Gates

**xxiv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet waslet ittra mingħand individwu jismu "FRANS AGIUS" u dwarha l-PAGAENT Group marru jkelmuh fejn hu qalilhom li ma kienx ser jagħti kasha u kien ser imexxi kif deċiż. Attivita' Tarxien Pageant Group

Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u unanimament qabel mas-Sindku.

**xxv.** Is-Sindku fakkar lill-Kunsill li kien għad hemm vakanza għal assistent skrivan skala 16. Vakanza Skrivan Skala 16

**xxvi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet waslet rikjesta mingħand is-Sur Charlon Bonello li b'kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali ta' Ħal Tarxien kienet ser tittella wirja tal-pittura. Wirja tal-Pittura

**xxvi.i** Saret diskussjoni u unanimament il-Kunsill qabel li tittella din il-Wirja.

**xxvii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien qed ikollu diversi lmenti mingħand il persuna li kien talab biex issir un/loading bay quddiem il-ħanut tiegħu u li l-Kunsill b'mod unanimu ma kienx aċċetta. Un/loading Bay mhux aċċettatat

**xxvii.i** Il-Kunsill reġa ddiskuta dan il-każ u unanimament baqa tal-istess opinjoni li l-un/loading bay ma tiġix aċċettata.

**xxviii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill kienet waslet ittra mingħand resident li kien talab li ssir RESERVED PARKING BAY ġdida fi 56, Triq l-Iskola u li dan kien qed jistenna li din issir min-naħa tal-Kunsill Lokali. Saret diskussjoni mill-Kunsill u bi qbil unanimu ġie deċiż li s-Sindku kellu jkellem lill-individwu sabiex jispjegalu li peress li l-kaxxa tar-RESERVED kienet ġdida din kellha ssir min-naħa tat-TM. Il-Kunsill kien jieħu ħsieb ir-refreshing tal-kaxxa biss.

**xxix.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu waslu talbiet u/jew approvazzjoni għal *traffic management* mingħand it-TM u li dawn kienu :- Talbiet TM

- 1.5m KEEP CLEAR/ RESERVED PARKING BAY - 228, Matteo Court, Flt 2, Triq Lampuka;
- RESERVED PARKING BAY – 163, St Clotilde, Triq Sammat, Tarxien;

**xxix.i** Il-Kunsill iddiskuta dawn il-każijiet u qal li ma kienx isib oġġezzjoni li dawn isiru.

**xxx.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet waslet talba għal rifużjoni fuq tyre li persuna qed tgħid li faqgħet fi Triq Santa Marija. It-talba ta' rifużjoni hija ta' €50.00

**xxx.i** Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u unanimanet qabel li din il-persuna tingħata r-rifużjoni.

**92.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

**92.5 Rapporti**

Rapporti ta' Kull kwart tas-sena sa' Settembru 2018

**i.** Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

**92.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Ġiet mressqa l-iSkeda ta' Pagamenti Nru.77/07. Din l-iSkeda ġiet approvata b'mod unanimu u ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

**92.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

**i.** Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

**92.8 Mozzjonijiet**

**i.** Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta' din il-laqgħa.

**92.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**i.** Il-laqgħa ntemmet fis-7.20PM.

**ii.** Laqgħa oħra ser tinżamm nhar lil-Ħamis 28 ta' Marzu 2019 fil-5.30pm.

**Iffirmati** **Iffirmati**

__________________________ __________________________

**Kav. Paul Farrugia KLJ CMLJ**
**Sindku**

**Sna. Antonella Galea**
**Seg. Eżek**